MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 1923/2003

**Costantino Muscat**

**vs**

**Carmela Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm37.50) dovuta mill-konvenuta b'rifusjoni bhala wahda mill-atturi ghall-hlas ta' kont ufficjali tal-Perit Legali Dr Veronica Galea Debono fil-kawza "Costantino Muscat et vs Carmela Grech et" Citaz. Nru 927/96JRM, liema kont kien jammonta ghal mitejn u hamsa u ghoxrin lira (Lm225.00) u thallas mill-attur;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu, 2003 u ta' l-ittra nterpellatorja tat-30 ta' Lulju,**

**2003, kontra l-konvenuta li ghandha tidher ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fl-20 ta' Jannar, 2003, ghas-subizzjoni tal-konvenuta.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm37.50).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu, 2003 u ta' l-ittra nterpellatorja tat-30 ta' Lulju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------